# X'QALLI L-ISKULTUR ĊENSU APAP:

*minn **Manwel D. SCHEMBRI** - Edukatur, Kittieb u Xandar.*

Lill-iskultur Ċensu Apap, illum mimli bil-għomor iżda xorta waħda artistikament attiv (biżżejjed wieħed jagħti titwila fil-knisja l-ġdida ta' San Franġisk t'Assisi fil-Qawra biex jara l-aħħar biċċa skultura kbira tiegħu fil-bronż - Kristu Rxoxt), jiena tkellimt miegħu diversi drabi f'dawn l-aħħar snin dwar xogħlijiet tiegħu. Tkellimna iktar minn darba fuq l-istatwa titolari tagħna ta' Santa Marija u dwar ix-xogħol li għamel fuqha. Minn meta xxandru l-kitbiet tiegħi dwar dan u anke minn meta dehret l-intervista rreġistrata fuq vidjow, dehru xi kitbiet dwar Santa Marija li jeħtieġu preċiżazzjoni:

1. Minn dak li qalli l-iskultur Apap, ir-ras ta' l-istatwa ta' Santa Marija ta' llum hija l-istess waħda ta' Santa Marija tas-Sartx, imma skulturata mill-ġdid minn Apap stess, li jfisser li ma teżisti l-ebda ras oħra ta' Santa Marija maħduma minn Salvu s-Sartx.

2. Meta lill-iskultur Apap ħadulu l-istatwa tas-Sartx biex jirrenovaha, din ħaduhielu mingħajr l-anġli. Jiena naħseb li dawn l-anġli ta' Santa Marija tas-Sartx aktarx illi jinsabu x'imkien għand xi ħadd.

3. Biex inħadmu l-anġli ta' Santa Marija li għandna bħalissa, Apap kien ħadimhom tad-daqs li huma fil-ġibs biex imbagħad Buhagiar qattagħhom b'mod preċiż fl-injam. Jiena nemmen fil-possibilita` li dawk tal-ġibs, xogħol Apap ukoll, jinsabu x'imkien għand xi ħadd.

Ta' min kulħadd jagħmel sforz biex dak li huwa Patrimonju Parrokkjali Mosti jew jinġabar f'post wieħed u addattat, jew inkella, almenu jiġi katalogat.


JOHN C. VELLA

*Haberdashery • Sewing Machines*
*Needlecraft & Fashion Accessories*

**97, Constitution Street, Mosta MST 08, Malta**
**Phone: 433 863 • Fax: 432094**

**IMPORTERS • WHOLESALERS • RETAILERS**

• Sewing Machines •
• Sales • Rentals • Part-exchange • Repairs on all makes •
• Tapestry and Embroidery kits •
• Fabric & Canvas Stretching and Framing •
• Festoon • Triple • Corded Curtain Tracks •